



23.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Baġits
Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri
(COM(2018)0324 – C8-0178/2018 – 2018/0136(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Iskra Mihaylova

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitati responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tal-valuri fundamentali l-oħra li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, bħalma huma l-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa marbut intrinsikament mar-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali: ma jistax ikun hemm demokrazija u rispett għad-drittijiet fundamentali mingħajr rispett lejn l-istat tad-dritt u vice versa.

Emenda

(3) L-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tal-valuri fundamentali l-oħra li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, bħalma huma l-libertà, id-demokrazija, ***in-nondiskriminazzjoni***, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa marbut intrinsikament mar-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali: ma jistax ikun hemm demokrazija u rispett għad-drittijiet fundamentali mingħajr rispett lejn l-istat tad-dritt u vice versa. ***Id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem huma essenzjali għall-kredibilità tal-Unjoni.***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Fil-25 ta' Ottubru 2016, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, fil-11 u 12 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni Ewropea għad-demokrazija permezz tal-

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) *Nuqqasijiet* ġeneralizzati fl-Istati Membri fir-rigward tal-istat tad-dritt li jaffettwaw b'mod partikolari l-funzjonament tajjeb tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-istħarriġ ġudizzjarju effettiv, jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Emenda

(11) *In-nuqqasijiet* ġeneralizzati fl-Istati Membri fir-rigward tal-istat tad-dritt li jaffettwaw b'mod partikolari l-funzjonament tajjeb tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-istħarriġ ġudizzjarju effettiv, jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni. *Investigazzjonijiet effiċjenti dwar nuqqasijiet bħal dawn, u l-applikazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati meta jiġi stabbilit nuqqas ġeneralizzat, huma meħtieġa mhux biss biex jiġu żgurati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-ġbir effettiv tad-dħul, iżda wkoll biex tiġi żgurata l-fiduċja pubblika fl-Unjoni u fl-istituzzjonijiet tagħha. Ġudikatura indipendenti biss li tiproteġi l-istat tad-dritt u ċ-ċertezza tad-dritt fl-Istati Membri kollha tista' fl-aħħar mill-aħħar tiggarrantixxi li l-flus mill-baġit tal-UE ikunu protetti biżżejjed.*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-identifikazzjoni ta' nuqqas ġeneralizzat teħtieġ valutazzjoni kwalitattiva mill-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni tista' tkun ibbażata fuq informazzjoni minn sorsi disponibbli u

Emenda

(12) L-identifikazzjoni ta' nuqqas ġeneralizzat teħtieġ valutazzjoni *trasparenti, imparzjali u* kwalitattiva mill-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni tista' tkun ibbażata fuq informazzjoni minn sorsi

istituzzjonijiet rikonoxxuti, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, u konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet u networks internazzjonali rilevanti, bħalma huma l-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u n-networks Ewropej tal-qrati supremi u l-kunsilli tal-ġudikatura.

disponibbli u istituzzjonijiet rikonoxxuti, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, ***opinjonijiet esperti tal-Aġenziji rilevanti tal-Unjoni Ewropea, rakkomandazzjonijiet magħmula minn kwalunkwe panel indipendenti ta' esperti kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016***, u konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet u networks internazzjonali rilevanti, bħalma huma l-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u n-networks Ewropej tal-qrati supremi u l-kunsilli tal-ġudikatura.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Jenħtieġ li jiġu determinati l-miżuri li se jkun possibbli li jiġu adottati f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati u l-proċedura biex jiġu adottati. Dawn il-miżuri jenħtieġ jinkludu s-sospensjoni ta' pagamenti u ta' impenji, tnaqqis tal-finanzjament taħt l-impenji eżistenti, u projbizzjoni li jiġu konklużi impenji ġodda mar-riċevituri.

Emenda

(13) Jenħtieġ li jiġu determinati l-miżuri li se jkun possibbli li jiġu adottati f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati u l-proċedura biex jiġu adottati, ***u jenħtieġ li japplikaw l-istess kriterji u jiżguraw trattament ugwali fost l-Istati Membri kollha***. Dawn il-miżuri jenħtieġ jinkludu s-sospensjoni ta' pagamenti u ta' impenji, tnaqqis tal-finanzjament taħt l-impenji eżistenti, u projbizzjoni li jiġu konklużi impenji ġodda mar-riċevituri. ***Kwalunkwe deċiżjoni li jiġu imposti dawn il-miżuri jenħtieġ li ttiprovdi garanzji serji, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji finali tal-fondi tal-UE ma jkunux affettwati b'mod ħażin.***

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 14

(14) Jenħtieġ li japplika l-prinċipju tal-proporzjonalità meta jiġu determinati l-miżuri li se jkunu adottati, b'mod partikolari billi jitqiesu s-serjeta tas-sitwazzjoni, iż-żmien li għadda mindu seħħ l-aġir rilevanti, id-duratura u r-rikorrenza tiegħu, l-intenzjoni u l-livell ta' kollaborazzjoni tal-Istat Membru biex itemm in-nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt u l-effetti ta' dak in-nuqqas fuq il-fondi rispettivi tal-Unjoni.

(14) Jenħtieġ li japplika l-prinċipju tal-proporzjonalità meta jiġu determinati l-miżuri li se jkunu adottati, b'mod partikolari billi jitqiesu s-serjeta tas-sitwazzjoni, iż-żmien li għadda mindu seħħ l-aġir rilevanti, id-duratura u r-rikorrenza tiegħu, l-intenzjoni u l-livell ta' kollaborazzjoni tal-Istat Membru biex itemm in-nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt u l-effetti ta' dak in-nuqqas fuq il-fondi rispettivi tal-Unjoni. ***Il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell tas-sospensjoni tal-impenji li jridu jiġu imposti jenħtieġ li jkun proporzjonati, jirrispettaw l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri u jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat u l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. L-impatt tas-sospensjonijiet fuq programmi ta' importanza fundamentali biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt jenħtieġ li jkun fattur speċifiku li jrid jitqies.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

(14a) Huwa essenzjali li l-interessi leġittimi tar-riċevituri u tal-benefiċjarji finali jkunu protetti kif suppost meta jiġu adottati miżuri f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati. Meta tikkunsidra l-miżuri li għandhom jiġu adottati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-impatt potenzjali tagħhom fuq ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali. Sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja b'mod attiv ir-rispett tal-obbligu legali tal-

(14a) ***Huwa essenzjali li l-interessi leġittimi tar-riċevituri u tal-benefiċjarji finali jkunu protetti kif suppost meta jiġu adottati miżuri f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati. Meta tikkunsidra l-miżuri li għandhom jiġu adottati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-impatt potenzjali tagħhom fuq ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali. Sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja b'mod attiv ir-rispett tal-obbligu legali tal-***

entitajiet governattivi u tal-Istati Membri li jkomplu jagħmlu l-pagamenti wara li jkunu adottaw miżuri abbażi ta' dan ir-regolament, u li tinforma lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali bid-drittijiet tagħhom meta jkun hemm xi ksur.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14b) Huwa essenzjali li r-riċevituri individwali ta' boroż ta' studju permezz ta' programmi bħal Erasmus, għotjiet għar-riċerka u għotjiet individwali simili ma jiġux affettwati jekk jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw Stat Membru f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, u minħabba l-importanza tal-effetti finanzjarji tal-miżuri li jkunu qed jiġu imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kunsill, li jenħtieġ jaġixxi fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Sabiex tiffaċilita l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ tintuża votazzjoni ***b'maġġoranza kwalifikata inversa.***

(15) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, u minħabba l-importanza tal-effetti finanzjarji tal-miżuri li jkunu qed jiġu imposti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kunsill, li jenħtieġ jaġixxi fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Sabiex tiffaċilita l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ tintuża votazzjoni ***b'unanimità mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.***

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Qabel ma tipproponi l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtiegħ tinforma lill-Istat Membru konċernat dwar għaliex hija qed tqis li f'dak l-Istat Membru jista' hemm nuqqas ġeneralizzat rigward tal-istat tad-dritt L-Istati Membri jenħtiegħ jithallem jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Il-Kummissjoni ***u l-Kunsill*** jenħtiegħ ***jikkunsidraw*** dawn il-kummenti.

Emenda

(16) Qabel ma tipproponi l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtiegħ tinforma lill-Istat Membru konċernat ***bl-eżitu tal-evalwazzjonijiet tiegħu, meħuda minn panel indipendenti ta' esperti jew mill-Kummissjoni u*** dwar għaliex hija qed tqis li f'dak l-Istat Membru jista' hemm nuqqas ġeneralizzat rigward tal-istat tad-dritt. ***Il-Kummissjoni jenħtiegħ li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bin-notifika u l-kontenut tagħha.*** L-Istati Membri ***kkonċernati*** jenħtiegħ jithallem jippreżentaw il-kummenti tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtiegħ ***tikkunsidra*** dawn il-kummenti.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) ***Il-Kunsill jenħtiegħ ineħħi l-miżuri b'effett sospensiv fuq proposta mill-Kummissjoni, jekk is-sitwazzjoni li tkun wasslet għall-impożizzjoni ta' dawn il-miżuri tkun ġiet rimedjata biżżejjed.***

Emenda

imħassar

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Il-Kummissjoni jenħtieġ iżżomm lill-Parlament Ewropew **infurmat** dwar kull miżura proposta u adottata skont dan ir-Regolament,

Emenda

(18) Il-Kummissjoni jenħtieġ iżżomm lill-Parlament Ewropew **u lill-Kunsill infurmati** dwar kull miżura proposta u adottata skont dan ir-Regolament,

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) "nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt" tfisser prassi mifruxa jew rikorrenti jew ommissjoni, jew miżura minn awtoritajiet pubbliċi li jkollha effett fuq l-istat tad-dritt;

Emenda

(b) "nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt" tfisser prassi mifruxa jew rikorrenti jew ommissjoni, jew miżura minn awtoritajiet pubbliċi li jkollha effett fuq l-istat tad-dritt, **kif deskritt fl-Artikolu 3;**

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Miżuri

Emenda

Defiċjenza ġeneralizzata fir-rigward tal-istat tad-dritt

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Miżuri xierqa għandhom jittieħdu meta nuqqas ġeneralizzat** fir-rigward tal-istat tad-dritt fi Stat Membru **jaffettwa** jew **jirriskja li jaffettwa l-prinċipji** tal-ġestjoni finanzjarja soda jew il-protezzjoni tal-

Emenda

1. **Nuqqasijiet ġeneralizzati** fir-rigward tal-istat tad-dritt fi Stat Membru **li jaffettwaw** jew **jirriskjaw li jaffettwaw il-prinċipji** tal-ġestjoni finanzjarja soda jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-

interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari:

Unjoni *huma*, b'mod partikolari:

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) il-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni inklużi l-libertà tal-istampa, il-libertà tal-assoċjazzjoni u l-libertà akkademika;

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) id-dixxiplina fiskali ta' dak l-Istat Membru, b'mod partikolari l-evitar ta' defiċit eċċessiv tal-gvern f'konformità mal-Artikolu 126 tat-TFUE.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-limitazzjoni tad-disponibbiltà u tal-effikaċja tar-rimedji legali, inkluż permezz ta' regoli proċedurali restrittivi, nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sentenzi jew il-limitazzjoni ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjoni u ta' sanzjonar effettivi ta' ksur tal-liġi.

(c) il-limitazzjoni tad-disponibbiltà u tal-effikaċja tar-rimedji legali, inkluż permezz ta' regoli proċedurali restrittivi, nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sentenzi, **b'fokus partikolari fuq id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea derivati minn proċedimenti ta' ksur**, jew il-limitazzjoni ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjoni u ta' sanzjonar effettivi ta'

ksur tal-liġi.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ir-restrizzjoni sproporzjonata tal-libertà tal-istampa, tal-libertà tal-assoċjazzjoni u tal-libertà akkademika;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) in-nuqqas li jiġi żgurat li l-gvern ikun responsabbli skont il-liġi, ugwalment bħall-atturi privati;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) in-nuqqas li jiġi żgurat li l-liġijiet ikunu dominju pubbliku u ġusti, u li jipproteġu d-drittijiet fundamentali, inklużi s-sigurtà tal-persuni u l-proprjetà u ċerti drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cd) in-nuqqas li jiġi żgurat li l-proċessi li bihom jiġu ppromulgati, amministrati u infurzati l-liġijiet, ikunu aċċessibbli, ġusti u effiċjenti;

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ce (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ce) in-nuqqas li jiġi żgurat li ssir ġustizzja f'waqtha minn rappreżentanti kompetenti, etiċi u indipendenti u minn partijiet newtrali li jkunu aċċessibbli, li jkollhom riżorsi adegwati, u li jirriflettu l-kompożizzjoni tal-komunitajiet li jaqdu;

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt cf (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cf) in-nuqqas li jiġi żgurat li s-setgħat tal-gvern ikunu soġġetti għal kontrolli mhux governattivi, u li l-uffiċjali tal-gvern ikunu sanzjonati għal imġiba ħażina.

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Jistgħu jiġu adottati *waħda jew aktar minn dawn il-miżuri xierqa*

Emenda

1. *Il-miżuri xierqa li ġejjin jistgħu jiġu adottati f'każ ta' nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt:*

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni b'ġestjoni kondiviża skont [il-punt (b) tal-Artikolu 62] tar-Regolament Finanzjarju:

Emenda

(b) meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni b'ġestjoni kondiviża skont [il-punt (b) tal-Artikolu 62] tar-Regolament Finanzjarju, *f'każ ta' nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt, ħliet meta japplika punt ba:*

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

(4) *tnaqqis fil-prefinanzjament;*

Emenda

imħassar

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) *interruzzjoni tal-iskadenzi tal-pagamenti;*

imħassar

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) *sospensjoni tal-pagamenti.*

imħassar

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) sa fejn huma kkonċernati l-Fondi SIE, meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni f'ġestjoni kondiviża skont il-[punt (b) tal-Artikolu 62] tar-Regolament Finanzjarju, il-miżuri definiti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għandhom japplikaw fil-każ ta' nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt.

Emenda 32

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. *Sakemm id-deċiżjoni li tadotta l-miżuri ma tippredix mod ieħor, l-impożizzjoni ta' miżuri xierqa ma għandhiex taffettwa l-obbligu tal-entitajiet governattivi msemmija fil-punt (a) tal-*

2. L-impożizzjoni ta' miżuri xierqa ma għandhiex taffettwa l-obbligu tal-entitajiet governattivi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jew tal-Istati Membri msemmija f'punt (b) tal-paragrafu 1, li

paragrafu 1 jew tal-Istati Membri msemija f'punt (b) tal-paragrafu 1, li jimplimentaw il-programm jew il-fond affettwat mill-miżura, u b'mod partikolari l-obbligu li jagħmlu l-pagamenti lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali.

jimplimentaw il-programm jew il-fond affettwat mill-miżura, u b'mod partikolari l-obbligu li jagħmlu l-pagamenti lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali. ***Kwalunkwe deċiżjoni li jiġu imposti miżuri xierqa għandha tipprovdi garanziji serji, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarji finali tal-fondi tal-UE ma jkunux affettwati b'mod ħażin.***

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell tas-sospensjoni tal-impenji li jridu jiġu imposti għandhom ikunu proporzjonati, jirrispettaw l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri u għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat u l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. L-impatt tas-sospensjonijiet fuq programmi ta' importanza fundamentali biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt għandu jkun fattur speċifiku li jrid jitqies.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Meta l-Kummissjoni tqis li għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 huma ssodisfati, hija għandha tibgħat notifika bil-miktub lil dak l-Istat Membru, fejn

1. Meta l-Kummissjoni tqis li għandha raġunijiet ***ċari u*** raġonevoli biex temmen li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 huma ssodisfati, hija għandha tibgħat notifika bil-miktub lil dak l-Istat Membru, fejn

tistabbilixxi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażat il-konstatazzjonijiet tagħha

tistabbilixxi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażat il-konstatazzjonijiet tagħha. ***Il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill bin-notifika u l-kontenut tagħha.***

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tippovdi l-garanziji meħtieġa biex tiżgura li l-istess kriterji jkunu japplikaw għall-Istati Membri kollha, f'konformità mal-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni, fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, billi tadotta miżuri simili u mhux diskriminatorji f'każijiet komparabbli għall-Istati Membri kollha.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni tista' tqis l-informazzjoni kollha rilevanti, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, u konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

2. ***Meta tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 ikunux qed jiġu ssodisfati***, il-Kummissjoni tista' tqis l-informazzjoni kollha rilevanti, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ***riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, rakkomandazzjonijiet magħmula minn kwalunkwe panel indipendenti ta' esperti kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016***, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, u konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali

rilevanti, *ta' organizzazzjonijiet u netwerks mhux governattivi, bħall-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u n-netwerks Ewropej tal-qrati supremi u l-kunsilli tal-ġudikatura, u opinjonijiet esperti tal-Aġenziji rilevanti tal-Unjoni Ewropea.*

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Meta l-Kummissjoni tqis li nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt huwa stabbilit, hija għandha tippreżenta proposta għal att ta' implimentazzjoni dwar miżuri xierqa lill-Kunsill.

Emenda

6. Meta l-Kummissjoni tqis li nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt ***kif definit fl-Artikolu 3(2)*** huwa stabbilit, hija għandha tippreżenta proposta għal att ta' implimentazzjoni dwar miżuri xierqa ***lill-Parlament Ewropew għal opinjoni u lill-Kunsill, għal deċiżjoni.***

Wara li tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, id-Deċiżjoni għandha titqies li għiet adottata mill-Kunsill, sakemm dan ma jiddeċidix, b'maġġoranza kwalifikata, li jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u jadotta t-test kif emendat bħala deċiżjoni tal-Kunsill.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. ***Id-Deċiżjoni għandha titqies li għiet adottata mill-Kunsill, sakemm dan ma jiddeċidix, b'maġġoranza kwalifikata, li jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni fi***

Emenda

7. ***Meta l-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt kif definit fl-Artikolu 3(1) huwa stabbilit, hija għandha tippreżenta***

żmien xahar mill-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

proposta għal deċiżjoni dwar il-miżuri xierqa lill-Parlament Ewropew għal opinjoni u lill-Kunsill, għal opinjoni. Filwaqt li tqis l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar il-miżuri xierqa, jew deċiżjoni li ma tinferzax il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt.

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Qabel ma tadotta deċiżjoni dwar il-miżuri xierqa, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt potenzjali ta' dawk il-miżuri fuq ir-riċevituri jew il-benefiċjarji finali tal-pagamenti relatati mal-programmi jew mal-fondi affettwati. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-informazzjoni u l-gwida msemmija fil-paragrafu 2 meta tivvaluta l-proporzjonalità tal-miżuri.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. Il-Kunsill, li jaġixxi ***b'maġġoranza kwalifikata***, jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u jadotta t-test kif emendat bħala deċiżjoni tal-Kunsill.

8. Il-Kunsill, li jaġixxi ***b'unanimità u mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat***, jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u jadotta t-test kif emendat bħala deċiżjoni tal-Kunsill.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 8a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. *Meta tiġi adottata deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tittrasferixxi lejha riżerva baġitarja ammont ekwivalenti għall-valur tal-miżuri adottati.*

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8b. *B'deroga mill-paragrafi 4 u 6 tal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddeliberaw fuq il-proposta għal trasferiment fi żmien erba' ġimgħat minn meta din tasal għand iż-żewġ istituzzjonijiet. Il-proposta għal trasferiment għandha tiġi kkunsidrata bħala approvata sakemm, fi żmien erba' ġimgħat, il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, jew il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemendaha jew jirrifjutaha. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jemendaw il-proposta għal trasferiment, għandu japplika l-paragrafu 8 tal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.*

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 5, paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8c. *Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jirrifjutaw il-*

proposta għal trasferiment fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 8b.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 5 -paragrafu 8d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8d. Matul il-perjodu kollu ta' applikazzjoni tal-miżuri, il-Kummissjoni għandha tissorvelja b'mod attiv jekk id-drittijiet legali tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali jkunux qed jiġu rrispettati. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita wkoll is-sottomissjoni lilha ta' lmenti minn riċevituri jew benefiċjarji finali meta huma jqisu li d-drittijiet legali tagħhom ma jkunux qed jiġu rrispettati. Meta l-Kummissjoni ssib li l-Istat Membru jew l-entità governattiva kkonċernata jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu legali tagħhom li jwettqu l-pagamenti, u li l-interessi leġittimi tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali ma jkunux qed jiġu rrispettati, għandha tiegħu kull miżura xierqa sabiex tgħin lil dawk ir-riċevituri jew benefiċjarji finali fl-infurzar tal-pretensjonijiet tagħhom.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta l-miżuri li jikkonċernaw is-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar jew tal-emendi tiegħu msemmija fil-punt **(i)** tal-Artikolu **4(2)(b)**

3. Meta l-miżuri li jikkonċernaw is-sospensjoni tal-approvazzjoni ta' programm wieħed jew aktar jew tal-emendi tiegħu msemmija fil-punt **(I)** tal-Artikolu **4(I)(b)**

jew is-sospensjoni tal-impnġi msemmija fil-punt **(ii)** tal-Artikolu **4(2)(b)** jitneħħew, l-ammonti li jikkorrispondu mal-impnġi sospiżi għandhom jiddaħħlu fil-baġit skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru XXXX (ir-Regolament QFP). ***L-impnġi sospiżi tas-sena n ma jistgħux jiddaħħlu fil-baġit wara s-sena n + 2.***

jew is-sospensjoni tal-impnġi msemmija fil-punt **(2)** tal-Artikolu **4(1)(b)** jitneħħew, l-ammonti li jikkorrispondu mal-impnġi sospiżi għandhom jiddaħħlu fil-baġit skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru XXXX (ir-Regolament QFP).

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe miżura proposta jew adottata skont l-Artikoli 4 u 5

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill*** dwar kwalunkwe miżura proposta jew adottata skont l-Artikoli 4 u 5.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri	
Referenzi	COM(2018)0324 – C8-0178/2018 – 2018/0136(COD)	
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 11.6.2018	CONT 11.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 11.6.2018	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Iskra Mihaylova 22.11.2018	
Rapporteur għal opinjoni sostitut(a)	Matthijs van Miltenburg	
Artikolu 55 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	5.7.2018	
Eżami fil-kumitat	9.10.2018	
Data tal-adozzjoni	22.11.2018	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	17 6 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Victor Boştinaru, John Flack, Krzysztof Hetman, Marc Joulaud, Constanze Krehl, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Monika Smolková, Maria Spyraiki, Ruža Tomašić, Monika Vana, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal, Joachim Zeller	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Petras Auštrevičius, John Howarth, Ivana Maletić, Dimitrios Papadimoulis, Bronis Ropė, Milan Zver	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

17	+
PPE	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Krzysztof Hetman, Marc Joulaud, Ivana Maletić, Lambert van Nistelrooij, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Maria Spyraiki, Joachim Zeller, Milan Zver
S&D	Victor Boștinaru, John Howarth, Constanze Krehl, Monika Smolková, Kerstin Westphal

6	-
ALDE	Petras Auštrevičius, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg
ECR	John Flack, Mirosław Piotrowski, Ruža Tomašić

4	0
GUE/NGL	Martina Anderson, Dimitrios Papadimoulis
VERTS/ALE	Bronis Ropė, Monika Vana

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni